## 22 ta' Marzu, 1995

## Imħallef:-

## Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.

Pauline Simpson *noe*

*versus*

Michael Agius *pro et noe*

## Rifużjoni - Provi - Apprezzament ta'

*L-attriċi aġixxiet b'suċċess għar-rifużjoni ta' flus imħallsa għal reklam ta'* Aluminium *għaliex irriteniet illi kien tħallas bi skambju ta' oġġetti. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata għaliex dehrilha illi ma kellhiex tiddisturba diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fuq l-evalwazzjoni tal-fatti.*

*Sentenza riprodotta prinċipalment għall-kompjetezza tal-kronaka.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fit-22 ta' Novembru, 1994 li minnha sar dan l-appell li taqra hekk:

"Il-Qorti:

Rat l-avviż ippreżentat mis-soċjeta` attriċi fid-9 ta' Diċembru, 1992 fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut jħallas is-somma ta' disgħin lira Maltija (Lm90) flus minnhom minfuqa biex isir xogħol ta' *aluminium* biex jitpoġġa reklam tad-ditta attriċi fil-fond tal-konvenut u dan billi l-konvenut naqas li jkompli jagħmel ir-reklam tagħhom;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-7 ta' April, 1992. Il-konvenut ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut tat-28 ta' Diċembru, 1993 fejn eċċepixxa illi t-talba attriċi kienet infondanta fil-fatt u fid-dritt stante li kien il-konvenut li ħallas lid-ditta Express Aluminium is-somma ta' Lm90 hemm pretiża mill-attriċi fl-azzjoni tagħha. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament. Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tal-konvenut *pro et nomine* tat-13 ta' Ġunju, 1993;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta mill-attriċi (li hija oħt il-konvenut) wara li din ġiet magħrbla minn din il-Qorti - jirriżulta illi l-attur *nomine* ħallas għal *advert* tal-kumpannija tagħha fuq il-*premises* tal-konvenut *nomine*. Illi l-*aluminium frame* biss jiswa Lm90 kif jidher mill-*invoice* PS3. Dan l-ammont ġie mħallas mill-konvenut *nomine* kif jidher mir-riċevuta dok. PS2 a fol. 14;

Illi l-attriċi ssostni illi hija kienet ħallset lilll-konvenut id-Lm90 billi tatu diversi *T.V. boosters* mill-ħanut tagħha mingħajr ħlas, da parti tal-konvenut;

Sussegwentement il-partijiet kellhom xi jgħidu u l-konvenut neħħa r-reklam tad-ditta attriċi u poġġa reklam tan-negozju tiegħu stess;

Illi għalhekk l-attriċi tippretendi r-refużjoni ta' Lm90 għal *aluminium frame*, stante li r-reklam m'għadux tad-ditta tagħha;

Illi l-konvenut jirribadixxi dana kollu billi jsostni illi huwa dejjem ħallas għal kwalunkwe oġġett li kien jieħu mill-ħanut tas-soċjeta` attriċi u jinnega li kien hemm xi 5 jew 6 *boosters* li għalihom ma ħallasx;

Isostni illi huwa kien ħallas għal *aluminium frame* - u li għalhekk dan jappartjeni lilu u li m'għandux jagħti lill-attriċi *nomine* - isostni illi għalkemm l-attriċi kienet dejjem tipprometti li ser tħallsu, dan qatt ma għamlitu;

Illi ż-żewġ partijiet ipproduċew xhieda wieħed kull wieħed

biex jikkolloboraw il-versjoni tagħhom;

Ikkunsidrat:

Illi din il-materja tinvolvi kwistjoni ta' kredibilita` u a kuntrarju ta' dak li ġie ssollevat mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-Qorti ma tara ebda konfużjoni fil-kawżali;

Skond l-attriċi, il-ħlas għar-reklam għal *aluminium frame* sar permezz ta' skambju ta' 5 jew 6 *boosters* u għalhekk, Lm90 ġew sborżati mis-soċjeta` attriċi. Sussegwentement, l-istesss reklam inbidel u nżamm biex jirreklama n-negozju tal-konvenut minfloku;

Illi din il-Qorti wara li rat bir-reqqa x-xhieda tal-partijiet u minkejja l-konfużjoni inizjali fix-xhieda ta' l-attriċi għar-rigward iċ-*cheque* Dok. PS1, il-Qorti temmen u hija moralment u legalment konvinta illi l-versjoni ta' l-attriċi *nomine* hija dik li ġrat fir-realta`. Dan qed jingħad wara li l-Qorti kellha l-opportunita` li teżamina l-komportament tax-xhieda tal-partijiet fil-kawża u b'enfasi speċjali għax-xhieda ta' "silettiva" ta' Philip Mifsud (a fol. 17 - 19);

Illi għal dawn il-motivi il-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *pro et nomine*, tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi *nomine* u tikkundana lill-konvenut *proprio et nomine* jħallas lill-attriċi *nomine* s-somma ta' Lm90 minfuqa biex isir xogħol ta' *aluminium* biex jitpoġġa reklam għad-ditta attriċi fil-fond tal-konvenut billi huwa naqas li jkompli jagħmel ir-reklam tagħhom. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut *proprio et nomine*";

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut *proprio et nomine* li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza

appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attriċi *nomine* appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Essenzjalment l-appell huwa bbażat fuq sottomissjoni prinċipali illi tattakka l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti in kwantu din iddeċidiet illi tagħti affidament lix-xhieda jew il-versjoni ta' l-attriċi Pauline Simpson aktar milli lil dik tal-konvenut appellat;

Fil-petizzjoni ta' l-appell hemm elenkati diversi prinċipji ormai notorji fid-dritt proċedurali li a bażi tagħhom il-ġudikant għandu jasal għall-konklużjonijiet dwar apprezzament ta' fatti u li ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti hawnhekk għaliex ma jikkostitwux element kontroversjali f'din il-vertenza. L-appellant essenzjalment jissottometti diversi raġunijiet illi jirriżultaw mill-atti proċesswali li a bażi tagħhom skond hu, il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti kellha tkun l-invers ta' dik raġġunta. Senjatament huwa jissottometti li *ex confessis*, l-attriċi tafferma li lill-konvenut għaddietlu disgħin lira Maltija (Lm90) fi flus billi hu kien ġa' ħallas il-kont relattiv. Saħansitra esibiet *cheque pay cash* biex tipprova li hi ħarġet l-ammont hemm muri mill-akkont tagħha fil-Bank. Sostniet ukoll li kellha x-xhud in sostenn ta' din id-dikjarazzjoni u esibiet ukoll dokument bil-*letter head* ta' l-Express Aluminium biex turi li hi ħallset l-ammont ta' Lm90 b'*cheque* tagħha. Aktar tard fis-seduta

tal-15 ta' Ġunju, 1993, pero' l-attriċi biddlet il-versjonijiet tagħha u tenniet illi "Għandi ngħid li jiena lill-konvenut ma tajtux flus. Jien ħallastu billi ħa *boosters* mill-kumpannija tiegħi bil-valur ta' Lm90". Żiedet tgħid ukoll, "Jiena m'inhix qed nitlob ħlas l-għaliex hu ġie xtara *boosters* minn għandi. Jien qed nitlob il-flus l-għaliex dan għamiltlu *frame* tat-Teco reklam tiegħi";

F'dan l-isfond l-appellant jissottometti illi m'huwiex ċar għalhekk, anzi huwa dubbjuż ħafna fuq il-bażi ta' x'hiex l-attriċi qed tippretendi l-ħlas ta' disgħin lira Maltija (Lm90) u quddiem din il-konflittwalita' fil-versjoni ta' l-istess attriċi, huwa perpless kif id-deċiżjoni kellha mbagħad tkun ibbażata fuq il-komportament tal-partijiet u tax-xhieda tagħha;

Essenzjalment għandu jiġi osservat mill-ewwel li mhijiex xi ħaġa barra min-normal li f'xi kawża jirriżultaw provi konfliġġenti u kontradittorji xi kultant ġejjin mill-istess persuna. Dan ma jfissirx pero' li dejjem u f'kull każ f'ċirkostanzi bħal dawn, il-ġudikant huwa inabilitat milli jasal għall-konklużjoni u dan għas-sempliċi raġuni li eventwalment ikun hemm provi oħra u ċirkostanzi oħra li jitfgħu dawl fuq x'ġara preċiżament b'mod konvinċenti għall-ġudikant, huwa leċitu għall-istess li jasal għall-konklużjoni tiegħu wara li jagħmel id-debitu apprezzament;

F'din il-kawża essenzjalment l-appellant jattakka l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti u biex jagħmel dan, anke minħabba li l-ewwel Qorti *expressis verbis* għamlet riferenza għall-komportament tax-xhieda fil-pedana tax-xhud, biex jissormonta dan l-ostakolu, kellu bilfors jipprova jispezzetta partijiet mid-deposizzjoni ta' l-attriċi, biex jipprova jissemina dubbju dwar il-kredibilita' u l-attendibilita' tal-versjoni tagħha;

F'ċirkostanzi bħal dawn pero`, l-obbligu ta' din il-Qorti huwa illi tkun gwardinga speċjalment tenut kont proprju tal-fatt illi kif jidher mill-atti proċesswali u mill-korp tas-sentenza stess, dak li l-aktar ikkonvinċa lill-ewwel Qorti, nonostante xi taħwid fix-xhieda li seta' kien hemm, kien il-komportament tax-xhieda. Huwa diffiċli għal din il-Qorti li tiddipartixxi minn dan l-apprezzament jekk ma jkollhiex verament indikazzjoni ċara u inekwivoka għala għandha tagħmel dan. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ din il-Qorti mhijiex sodisfatta li tista' b'xi mod tasal għall-ewwel konklużjoni mitluba, direttament jew indirettament mill-appellanti u ċjoe` illi l-komportament tax-xhieda tal-partijiet u/jew tal-partijiet ma kienx tali li kellu jwassal il-Qorti għall-konklużjoni li waslet għaliha. Dana sempliċement din il-Qorti mhix f'posizzjoni li tagħmlu u in mankanza ta' dan u ta' raġunijiet oħra suffiċjenti biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti, l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha hija li tiċħad l-appell;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż ta' din l-istanza għall-appellant.